MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Talba Numru. 538/2004

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Dorianne Mallia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Marzu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u erbgha u tmenin lira Maltija (Lm684.00) rapprezentanti import ta' disa' kambjali, kollha ta' sitta u sebghin lira (Lm76.00) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Lulju 2003 sa Marzu, 2004 rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 9 konsekuttivament u inklussivament;**
**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-1 ta' Marzu, 2004 jammontaw ghal ghoxrin lira Maltija (Lm20.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament**

**effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-16 ta' april, 2004 ghas- subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenuta, u peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata t-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u erbgha u tmenin lira Maltija (Lm684.00) bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-1 ta' Marzu, 2004 jammontaw ghal ghoxrin lira Maltija (Lm20.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------